MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 42/2006

Salvu Tabone

vs

Joseph Vella

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tal-attur Salvu Tabone li jghid hekk :

“Illi permezz ta’ skrittura privata datata 27 ta’ Settembru 2005, l-attur silef l-ammont ta’ elf lira Maltija (Lm1,000) lill-konvenut liema ammont kellu jigi restitwit fi zmien hmistax il-jum mid-data ta’ l-istess kitba.

Illi minkejja diversi promessi ta’ hlas da parti tal-konvenut s’illum dan baqa’ inadempjenti.

Illi ghadu dovut lil attur is-somma ta’ elf lira Maltija (Lm1,000) flimkien ma’ l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%)

b’effett mit-12 ta’ Ottubru 2005 (id-data ta’ l-iskadenza) sad-data tal-hlas effettiv.

Illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet il-konvenut naqas milli jhallas dan l-ammont.

Illi ghalhekk l-attur irid li l-konvenut jigi kkundannat ihallas dan l-ammont ta’ elf lira Maltija (Lm1,000) flimkien ma’ l-imghax b’effett mit-12 ta’ Ottubru 2005 sad-data tal-hlas relattiv, l-ispejjez ta’ din il-kawza, l-ispejjez ta’ l-ittri interpellatorji mibghuta fl-1 ta’ Novembru 2005 u fit-28 ta’ Frar 2006, kif ukoll l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali numru 635/2006.”

Ra li l-konvenut gie debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fit-2 ta’ Jannar 2007, u baqa’ ma dahhal ebda risposta, u lanqas ma deher personalment ghall-udjenzi tas-17 ta’ Jannar 2007, tas-7 ta’ Frar 2007, u tat-13 ta’ Marzu 2007.

Sema’ lill-Avukat Dottoressa Simone Grech bil-gurament fl-udjenza tas-7 ta’ Frar 2007, li spjegat u kkonfermat li l-ammont mitlub fl-avviz tat-talba baqa’ ma giex saldat xejn minnu mill-konvenut u li l-konvenut ma ndenjax jaghmel ebda pagament u ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra l-iskrittura tas-27 ta’ Settembru 2005, esibita mal-avviz tat-talba.

Fl-udjenza tas-7 ta’ Frar 2007, gewipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tat-13 ta’ Marzu 2007, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, baqa’ ma deherx, u l-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Ikkunsidra li t-talba tas-socjeta’ attrici hija gusta u timmerita konferma.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur Salvu Tabone s-somma ta'  elf lira Maltija (Lm1,000) skond l-avviz tat-talba u ghall-istess ragunijiet hemm imsemmija, bl-imghaxijiet legali b'effett mit-12 ta' Ottubru 2005 sad-data tal-hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha konnessi mat-talba tal-attur  inkluzi l-ispejjez ta' l-ittri interpellatorji tal-1 ta' Novembru 2005 u tat-28 ta' Frar 2006, kif ukoll l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali numru 635/2006, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------